22004D0040

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 40/2004

tat-23 ta' April 2004

li temenda l-Anness XIII (Trasport) li jinsab mal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabblixxi ż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII li jinsab mal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kunitat Konġunt ŻEE Nru 2/2004 tas-6 ta' Frar 2004 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1644/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar Sigurtà Marittima ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiżdied mal-punt 56o (Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII li jinsab mal-Ftehim:

", kif emendat bi:

— **32003 R 1644**: Regolament (KE) Nru 1644/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 (ĠU L 245, tad-29.9.2003, p. 10)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 1644/2003 fil-lingwa Islandiża u dik Norveġija, li għandhom jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' April 2004, kemm-il darba li n-notifikazzjonijiet kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-Taqsima ŻEE tal-, u fis-Suppliment ŻEE tal-, *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' April 2004.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

([1]) ĠU L 116, tat-22.04.2004, p. 42.
([2]) ĠU L 245, tad-29.09.2003, p. 10.
(*) Ma huma indikati ebda ħtiġiet kostituzzjonali.